Mellieħa

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**
126, Triq il-Mitħna l-Ġdida,
Mellieħa

IS-SEBA' KUNSILL

20 ta' Ottubru 2015

**Il-Ħamsa u Erbgħin Seduta tas-Seba' Kunsill Lokali Mellieħa se ssir nhar it-Tnejn 26 ta' Ottubru 2015 fis-6.30pm, fl-indirizz t'hawn fuq.**

## AGENDA

1. Qari u korrezzjoni tal-minuti
2. Materji mqajma mill-minuti
3. Korrispondenza
4. Skedi ta' Xiri u Ħlasijiet
5. Reviżjoni ta' *bye-laws* K.L.B.L. 37/2/2009 dwar attivitajiet fil-beraħ
6. Mozzjoni rigward l-għoti ta' kuntratt dwar provvista ta' konkos għal użu ġenerali
7. Mozzjoni rigward l-għoti ta' kuntratt dwar provvista ta' tarmak (*dense coated mixes*)
8. Mozzjoni dwar l-impjieg ta' uffiċjal fi Skala 15.
9. Manutenzjoni u restawr tal-Batterija ta' Westreme.
10. Avvenimenti marbuta mal-Milied u l-Ewwel tas-Sena.
11. Sejħa Nru. 121 u 122 fil-Gazzetta tal-Gvern 19486 tas-16 ta' Ottubru 2015 dwar il-bejgħ ta' żewġ porzjonijiet ta' art konfinanti minn Triq l-Iżbark tal-Franċiżi, Triq Ta' Masrija u Triq in-Nases.

Materji oħra

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**
D:\Council Agendas\7th Council\Agd7_45.docx

## MOZZJONIJIET

6. **Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku C. Bartolo, illi tgħid:**

"Billi saret sejħa għall-offerti skont l-artiklu 72 ta' l-Att XV ta' l-1993 u r-Regolamenti ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali (Offerti) - Avviż Legali 157 ta' l-1993, bil-għan li jkun hemm provista ta` konkos ta' diversi gradi in konnessjoni mal-manutenzjoni tat-toroq u xogħlijiet oħra;

Billi sar rapport tekniku mill-*Contracts Manager* datat 12 ta' Settembru 2015 dwar iż-żewġ offerti li daħlu sad-data ta' l-għeluq.

Billi fl-Estimi għas-sena Finanzjarja 2015 hemm ivvutata somma biżżejjed sabiex tkopri x-xiri ta` l-istess materjal taħt il-vot tat-Toroq u Bankini (2311);

Il-Kunsill jirriżolvi illi għandu jiġi ffirmat kuntratt għall-perjodu ta` tliet snin b'effett mill-1 ta' Novembru 2015 mal-offerent Central Asphalt Ltd li offrew li jfornu u jitrasportaw il-materjal skont ir-rati mogħtija fid-dokument ta` l-offerta relattiv.". (D/3/1/Vol V)

Clayton Bartolo (Viċi Sindku)
**Proponent**

Patrick Cutajar (Kunsillier)
**Sekondant**

7. **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier J. Attard illi tgħid:**

"Billi saret sejħa għall-offerti skont l-artiklu 72 ta' l-Att XV ta' l-1993 u r-Regolamenti ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali (Offerti) - Avviż Legali 157 ta' l-1993, bil-għan li jkun hemm provista ta` *Dense Coated Mixes* meħtieġa għall-manutenzjoni tat-toroq;

Billi sar rapport tekniku mill-*Contracts Manager* datat 12 ta' Settembru 2015 dwar iż-żewġ offerti li daħlu sad-data ta' l-għeluq.

Billi fl-Estimi għas-sena Finanzjarja 2015 hemm ivvutata somma biżżejjed sabiex tkopri x-xiri ta` l-istess materjal taħt il-vot tat-Toroq u Bankini (2311);

Il-Kunsill jirriżolvi illi għandu jiġi ffirmat kuntratt għall-perjodu ta` tliet snin b'effett mill-1 ta' Novembru 2015 mal-kumpanija Central Asphalt Ltd li offrew illi jfornu il-materjal skont ir-rati mogħtija fid-dokument ta` l-offerta relattiv.". (D/3/1/Vol V)

Joseph Attard (Kunsillier)
**Proponent**

Hilary Fenech (Kunsillier)
**Sekondant**

## 8. Mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera A. Brincat Stellini illi tgħid:

"Billi permezz ta' ittra datata 3 ta' Awwissu 2015 is-Sur Jonathan Micallef għarraf lil Kunsill li huwa jixtieq itemm l-impjieg tiegħu mal-Kunsill;

Billi l-Artiklu 53(1)(a) tal-Att dwar Kunsilli (Kap. 363) jipprovdi li l-Kunsill għandu jaħtar lil dawk l-impjegati l-oħra, apparti s-Segretarju Eżekuttiv, li l-Kunsill jidhirlu meħtieġa għall-qadi effiċjenti tal-funzjonijiet tal-Kunsill, filwaqt li m'għandux jixtri servizzi għal xogħol klerikali

Billi wara konsultazzjoni mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali, il-Korporazzjoni dwar l-Impjiegi u Taħriġ għaddiet lista ta' persuni sabiex jiġu ntervistati mill-Bord tal-Għażla maħtur mill-Kunsill fis-seduta Nru. 43 tal-14 ta' Settembru 2015;

Billi l-Bord tal-Għażla, fir-rapport tiegħu rrakkomanda l-impjieg tas-Sur Christian Mifsud (I.D. 274189M) wara li saru l-intervisti u test prattiku;

Il-Kunsill jirriżolvi li għandu jiġi kuntratt tax-xogħol definit għall-perjodu ta' tliet snin mas-Sur Christian Mifsud b'effett mit-12 ta' Ottubru 2015. (P/7/1/Vol VIII)

Annabelle Brincat Stellini (Kunsillier)
**Proponent**

Emvin Bartolo (Kunsillier)
**Sekondant**